REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/511

tat-30 ta' Marzu 2022

li jestendi d-deroga mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 dwar id-distanza minima mill-kosta u l-fond minimu tal-baħar għall-bastimenti tat-tkarkir "volantina" fl-ibħra territorjali tas-Slovenja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2847/93 u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1626/94 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 13(5) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006 jipprojbixxi l-użu ta' tagħmir irmunkat sa tliet mili nawtiċi mill-kosta jew sa livell ta' fond ta' 50 m meta dak il-fond jintlaħaq 'il ġewwa minn dik id-distanza mill-kosta.

(2) Fuq talba ta' Stat Membru, il-Kummissjoni tista' tippermetti deroga mill-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006, dment li jiġu ssodisfati għadd ta' kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13(5) u (9).

(3) Għall-ewwel darba permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 277/2014 ([2]) ingħatat deroga mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1) għall-użu ta' bastimenti tat-tkarkir "volantina" fl-ilmijiet territorjali tas-Slovenja, f'fond ta' inqas minn 50 metru, fiż-żona bejn 1,5 u 3 mili nawtiċi mill-kosta sat-23 ta' Marzu 2017.

(4) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2383 ([3]) estenda dik id-deroga sas-27 ta' Marzu 2020.

(5) Fit-28 ta' Frar 2020, il-Kummissjoni waslitilha talba mingħand is-Slovenja biex testendi d-deroga għal wara s-27 ta' Marzu 2020. Is-Slovenja pprovdiet abbozz tal-pjan ta' ġestjoni l-ġdid u rapport dwar il-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-pjan ta' ġestjoni li jiġġustifikaw l-estensjoni tad-deroga, fid-dawl tar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006 u r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]). It-talba tkopri l-bastimenti b'esperjenza fis-sajd ta' aktar minn ħames snin, ma tinvolvi l-ebda żieda futura fl-isforz tas-sajd, u dawk il-bastimenti joperaw skont pjan ta' ġestjoni adottat mis-Slovenja fit-18 ta' Awwissu 2021 ([5]) skont l- Artikolu 19(2) tar- Regolament (KE) Nru 1967/2006. Dawk il-bastimenti jinsabu f'lista li ntbagħtet lill-Kummissjoni skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 13(9) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006.

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2847/93 u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1626/94 (ĠU L 409, 30.12.2006, p. 11).

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 277/2014 tad-19 ta' Marzu 2014 li jidderoga mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 dwar id-distanza minima mill-kosta u l-fond minimu tal-baħar għall-bastimenti tat-tkarkir "volantina" fl-ibħra territorjali tas-Slovenja (ĠU L 82, 20.3.2014, p. 1).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2383 tad-19 ta' Diċembru 2017 li jestendi d-deroga mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 dwar id-distanza minima mill-kosta u l-fond minimu tal-baħar għall-bastimenti tat-tkarkir "volantina" fl-ibħra territorjali tas-Slovenja (ĠU L 340, 20.12.2017, p. 32).

([4]) Ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 105).

([5]) Deċiżjoni Nru 34200-2/2021/3 tat-18.8.2021.

(6) Il-Plenarja tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) ([6]) li saret bejn is-6 u l-10 ta' Lulju 2020 irrieżaminat il-pjan aġġornat u l-kundizzjonijiet għad-deroga. L-STECF ikkonkluda li l-pjan aġġornat huwa komprensiv u jindirizza l-biċċa l-kbira tal-kummenti li tqajmu qabel mill-STECF. Fid-dawl tal-informazzjoni l-ġdida pprovduta mis-Slovenja, l-STECF ikkonkluda li l-kundizzjonijiet għad-deroga għadhom qed jiġu ssodisfati.

(7) Id-deroga mitluba mis-Slovenja tikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13(5) u (9) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006.

(8) B'mod partikolari, hemm limitazzjonijiet ġeografiċi speċifiċi, peress li l-ibħra territorjali tas-Slovenja fl-ebda punt ma jilħqu l-fond ta' 50 metru. Fl-assenza ta' deroga, il-bastimenti tat-tkarkir "volantina" jistgħu għalhekk joperaw biss lil hinn minn 3 mili nawtiċi mill-kosta, fejn iż-żoni tas-sajd huma limitati b'mod sinifikanti minn żona dedikata għal rotot ta' navigazzjoni kummerċjali.

(9) Il-pjan ta' ġestjoni jistabbilixxi d-definizzjonijiet rilevanti kollha dwar is-sajd ikkonċernat u jiggarantixxi li fil-ġejjieni mhux se jiżdied l-isforz tas-sajd, peress li l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd se jinħarġu biss lit-12-il bastiment speċifikati li huma diġà awtorizzati li jistadu mis-Slovenja.

(10) Is-sajd bix-xbieki tat-tkarkir "volantina", tip ta' sajd imħallat, ma jistax isir bi rkaptu ieħor għajr dak itqal tat-"tartana", li madankollu jista' jwassal għal kuntatt ħafna ikbar ma' qiegħ il-baħar u qabdiet ħafna ikbar ta' speċijiet demersali u ma jinterferixxix ma' rkaptu għajr xbieki tat-tkarkir, tartaruni jew xbieki rmunkati simili. Barra minn hekk, is-sajd bix-xbieki tat-tkarkir "volantina" ma għandu l-ebda impatt sinifikanti fuq l-ambjent tal-baħar, inklużi l-ħabitats protetti; kif innota l-STECF, dan qed jisfrutta żoni tajnin, mhux qed isir f'ħabitats sensittivi u r-rati ta' rimi huma baxxi.

(11) Id-deroga mitluba mis-Slovenja taffettwa għadd limitat ta' 12-il bastiment biss. In-numri ta' reġistrazzjoni ta' dawn il-bastimenti huma speċifikati fil-pjan ta' ġestjoni.

(12) L-attivitajiet tas-sajd ikkonċernati jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006 li, permezz ta' deroga, jippermetti s-sajd fuq ħabitats protetti jekk is-sajd isir mingħajr ma jintmess il-qiegħ tal-angjospermi b'ċerti kundizzjonijiet.

(13) Id-deroga mitluba hija konformi mal-Artikolu 8(1)(h) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006, kif sostitwit bl-Artikolu 8(1) u t-Taqsima I tal-Parti B tal-Anness IX tar-Regolament (UE) 2019/1241, peress li hija relatata ma' bastimenti tat-tkarkir li jaħdmu b'malji mhux iżgħar minn 40 mm.

(14) L-attivitajiet tas-sajd ikkonċernati jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 9(3) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006, kif sostitwit bl-Artikolu 8(1) u t-Taqsima I tal-Parti B tal-Anness IX tar-Regolament (UE) 2019/1241 peress li ma tintuża l-ebda malja kwadra ta' inqas minn 40 mm fl-armar tax-xbieki "volantina".

(15) Bastimenti tat-tkarkir "volantina" ma għandhomx fil-mira tagħhom iċ-ċefalopodi. L-STECF innota li l-qabdiet taċ-ċefalopodi minn dan is-sajd mhumiex negliġibbli, u kkonkluda li, abbażi tal-aħħar rapport ta' implimentazzjoni tal-pjan, iċ-ċefalopodi jirrappreżentaw biss ammont żgħir ħafna tal-qabdiet totali ta' dawn l-ispeċijiet fiż-żona.

(16) Il-pjan ta' ġestjoni Sloven jinkludi miżuri għall-monitoraġġ tal-attivitajiet tas-sajd, kif stipulat fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 13(9) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006 u fl-Artikoli 14 u 15 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 ([7]).

([6]) Scientific, Technical and Economic Committee for Fisheries (STECF) – 64th Plenary Report (PLEN-20-02). L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2020, ISBN 978-92-76-21081-8, doi:10.2760/325560, JRC121501 (https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2684997/STECF+PLEN+20-02.pdf/0a7b5693-d2ad-433f-b24d-9cc7732fe1f8)

([7]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

(17) Il-bastimenti tat-tkarkir "volantina" huma rregolati biex jiġi żgurat li l-qabdiet tal-ispeċijiet fil-Parti A tal-Anness IX tar-Regolament (UE) 2019/1241 ikunu minimi, f'konformità mal-kriterji tal-Artikolu 13(9)(c) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006. L-STECF innota li l-qabdiet irrapportati ta' dawn l-ispeċijiet mhumiex negliġibbli, u kkonkluda li minħabba d-daqs limitat tas-sajd "volantina", dawn il-qabdiet jammontaw għal volum totali ta' ftit għaxriet ta' tunnellati, li jirrappreżentaw biss ammont żgħir ħafna tal-qabdiet totali ta' dawn l-ispeċijiet fiż-żona.

(18) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-deroga mitluba tingħata.

(19) Jenħtieġ li s-Slovenja tirrapporta lill-Kummissjoni fi żmien xieraq u skont il-pjan ta' monitoraġġ stipulat fil-pjan ta' ġestjoni Sloven.

(20) Jenħtieġ li t-tul taż-żmien tad-deroga jiġi limitat biex ikunu jistgħu jittieħdu fil-pront il-miżuri ta' ġestjoni korrettivi jekk ir-rapport lill-Kummissjoni juri qagħda ħażina ta' konservazzjoni tal-istokk sfruttat filwaqt li jkun hemm skop biex titjieb il-bażi xjentifika għal pjan ta' ġestjoni mtejjeb.

(21) Billi d-deroga li ngħatat permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2383 skadiet fis-27 ta' Marzu 2020, sabiex tiġi żgurata l-kontinwità legali, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mit-28 ta' Marzu 2020. Għal raġunijiet ta' ċertezza tad-dritt, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ b'urġenza.

(22) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Deroga

L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006 ma għandux japplika fl-ilmijiet territorjali tas-Slovenja, irrispettivament mill-fond, bejn 1,5 u 3 mili nawtiċi mill-kosta, għal bastimenti li jużaw bastimenti tat-tkarkir "volantina" u li jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) ikollhom numru ta' reġistrazzjoni msemmi fil-pjan ta' ġestjoni Sloven adottat mis-Slovenja skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006;

(b) ikollhom esperjenza fis-sajd ta' aktar minn ħames snin u fil-ġejjieni mhux se jżidu l-isforz tas-sajd previst;

(c) ikollhom awtorizzazzjoni għas-sajd u li joperaw skont il-pjan ta' ġestjoni adottat mis-Slovenja skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006.

Artikolu 2

Pjan ta' monitoraġġ u rapportar

Is-Slovenja għandha tikkomunika lill-Kummissjoni, fi żmien tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, rapport imfassal skont il-pjan ta' monitoraġġ stabbilit fil-pjan ta' ġestjoni msemmi fl-Artikolu 1.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ u perjodu ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mit-28 ta' Marzu 2020 sas-27 ta' Marzu 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Marzu 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN